MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 667/1987/2

**Paolo Borg u b'digriet tas-6 ta' Frar 2001 Tanya Falletta assumiet l-atti tal-kawza flimkien ma' l-attur missierha**

**vs**

**Salvu Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat f'din il-Qorti illi permezz tieghu ir-rikorrent Salvu Spiteri, wara illi ppremetta illi b'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-attur ppremetta illi b'Att tan-Nutar Anthony Gatt tal-11 ta' Frar

1966, huwa, il-konvenut u certu Generoso Abela xtraw *in solidum* bejniethom b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-klawsura fil-limiti ta' San Giljan, fil-kuntrada ta' "Misrah Giuma" sive ta' Sant Andrew jew "Ta' Zazu" u dan kif deskritt u versu l-kondizjoni u termini pattwiti fl-att imsemmi; illi b'Att tal-istess Nutar tal-10 ta' Gunju 1968 l-imsemmi Generoso Abela biegh it-terz indiviz ta' sehemu mill-klawsura precitata lill-attur u lill-konvenut fi kwoti ugwali bejniethom; illi l-attur ma riedx jibqa' fi stat ta' kommunjoni mal-konvenut tant li fil-21 ta' Settembru 1977 huma rredigew ftehim bejniethom kif kellha tinqasam il-proprietà li kienet ghadha tenuta in komun; illi l-konvenut, nonostante li gie interpellat ufficjalment biex jersaq ghal qasma bonarja baqa' ma resaqx; talab illi dik il-Qorti: (1) tawtorizza u tordna d-divizjoni tal-proprietà mill-klawsura fil-limiti ta' San Giljan deskritta fl-Atti precitati tal-11 ta' Frar 1966 u 10 ta' Gunju 1968, tenuta fi kwoti ugwali bejn l-attur u l-istess konvenut; (2) tinnomina, okkorrendo Perit ghall-istess divizjoni tal-istess proprietà; (3) tinnomina Nutar Pubbliku ghal pubblikazzjoni tal-Att opportun u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 1987, tal-ittri legali tat-13 ta' Gunju 1987, 25 ta' Gunju 1987 u 25 ta' Lulju 1987, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni; illi b'nota tal-eccezzjonijiet minnu pprezentata il-konvenut eccepixxa: (1) illi huwa jaqbel li jigi nominat Perit halli jaghmel id-divizjoni mitluba, basta li din issir skond il-ligi; (2) illi l-klawsura imsemmija fic-citazzjoni, fil-parti kbira taghha, hija zviluppata, u ghalhekk dan il-fatt irid jigi mehud in konsiderazzjoni; salv eccezzjonijiet ulterjuri; illi b'decizjoni moghtija fil-21 ta' Novembru, 1990 dik il-Qorti iddecidiet illi l-Perit Gudizzjarju minnha nominat ghandu ihejji pjan ta' proprietà meritu ta' din il-kawza kif soltu jsir a bazi tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern u mhux a prioristikament u semplicement a tenur tal-ftehim kontenut fl-iskrittura tal-21 ta' Settembru 1977; certament biex tevita ekwivoci dik il-Qorti trid tirrileva illi l-Perit Gudizzjarju ghandu ukoll jikkonsidra il-kontenut tal-imsemmija skrittura u ghandu jhoss ruhu liberu li jifformulha qasma bazata fuq dak il-ftehim jekk hu jidhirlu li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz dak il-ftehim jirrapprezenta l-mod l-aktar prattiku u gust ghaz-zewg partijiet li biha ghandha

tigi ordnata d-divizjoni rikjesta mill-attur;  fl-ahhar nett irrimettiet il-process lill-Perit Gudizzjarju biex ikompli jespleta l-inkariku moghti lilu anke a tenur tal-odjern provvediment;  l-ispejjes ta’ dik id-decizjoni baqghu rizervati ghall-gudizzju finali;  illi r-rikorrent appella minn dik id-decizjoni u b’sentenza moghtija minn dina l-Qorti fil-5 ta’ April 1993 dina l-Qorti ddikjarat illi l-appell tar-rikorrent kien irritwali u null u l-appell incidentali tal-attur null u inattendibbli u ordnat illi l-Atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti biex il-kawza titkompla skond il-ligi;  l-ispejjes tal-appell tal-konvenut ihallashom doppji l-istess konvenut, in kwantu l-appell tieghu jirrizulta ukoll frivolu u vessatorju, filwaqt li dawk tal-appell incidentali irid ibatihom l-attur;  illi l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Novembru 1998 laqghet u t-talbiet attrici u:  1. awtorizzat u ordnat id-divizjoni tal-korp mill-klawsura fil-limiti ta’ San Giljan fil-kwoti indikati mill-istess Periti a fol 109, 110, u 111 tar-relazzjoni taghhom biex b’hekk jigu assenjati lill-attur u lill-konvenut il-fondi hemm deskritti u bil-mod kif deskritti u bl-ekwiparazzjoni minnhom indikata liema divizjoni ghandha issir skond il-pjanta maghmula mill-Perit Tekniku esibita fil-process a fol 112, 113, 114 u 115 (Dok MR);  (2) innominat lin-Nutar Dottor Joseph Darmanin biex jippublika l-Att opportun tad-divizjoni bejn il-partijiet kif fuq indikat u lill-Avukat Dr. Veronica Aquilina bhala kuratrici biex tirrapprezenta lill-eventwali kontumacja tal-konvenut;  stante n-natura fattwali u legali tal-kaz il-Qorti dehrilha illi l-ispejjes ta’ dik il-kawza kif ukoll dawk tan-Nutar u kuratrici fuq indikata ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;  illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza u dina l-Qorti b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Ottubru 2001 irrespingiet l-appell u kkonfermat, bl-ispejjes ta’ dik l-istanza a karigu tal-appellant;  ikkonfermat in-nomina tan-Nutar Dottor Joseph Darmanin biex jippublika l-Att opportun imsemmi f’dik is-sentenza kif ukoll lill-Avukat Dr. Veronica Aquilina bhala kuratrici biex tirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenut;  illi r-rikorrent ihoss illi mis-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-30 ta’ Ottubru 2001 hemm lok ghar-ritrattazjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) 811(i) u 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;  illi hija l-umili opinjoni tar-rikorrent li hemm lok li l-appell mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’

Novembru 1998, jigi trattat mill-gdid peress li s-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-30 ta’ ottubru 2001, li kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti msemmija, applikat hazin il-ligi u l-Artikoli li jirregolaw il-procedura relatata ghal dan il-kaz kif sejjer jigi sottomess il-quddiem; illi huwa rilevanti illi in succint issir riferenza ghall-fatti kif sviluppaw kronologikament; illi meta giet prezentata c-citazzjoni tal-attur fit-3 ta’ Settembru 1987 huwa bbaza t-talbiet tieghu ghad divizjoni tal-proprietà komuni billi ghamel riferenza ghal zewg kuntratti pubblikati minn Nutar Anthony Gatt tal-11 ta’ Frar 1966 u 10 ta’ Gunju 1968 kif ukoll ghal skrittura privata redatta bejn il-kontendenti fejn indikaw kif kellhom jigu divizi u assenjati l-proprietajiet komuni formanti bazi tad-divizjoni in kwistjoni; illi wara illi gie nominat il-Perit Refalo biex jifforma pjan ta’ divizjoni, saru diversi seduti u access u gie prezentat ir-rapport tal-imsemmi Perit Refalo kif assistit mill-Avukat Dottor Philip Manduca fejn issottomettew pjan ta’ divizjoni bejn iz-zewg kontendenti tal-proprietà komuni; illi wara l-prezentata ta’ dan ir-rapport il-kontendenti ghamlu noti ta’ osservazzjonijiet; illi r-rikorrent fin-nota ta’ osservazzjonijiet minnu prezentata fl-24 ta’ Marzu 1997 irrileva lil dik il-Qorti illi l-Periti kienu hallew barra mid-divizjoni dik il-parti tal-proprietà komuni li kellha tidhol fil-qasma markata fil-pjanta Dok XI bl-ittri A, B, C, D, E, F, G u H u in sostenn ta’ din is-sottomissjoni ir-rikorrent esibixxa pjanti li gew markati bhala Dokumenti X1 u X2; illi konsegwentement ir-rikorrent issottometta illi saret divizjoni parzjali u mhux totali tal-proprietà komuni li kellha tigi diviza ugwalment gejn il-konvdivi (*sic*) mill-Periti nominati skond it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut; illi gara illi ghal raguni jew ohra d-dokumenti esibiti mir-rikorrent man-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu ma gewx inseriti fil-process u ghalhekk filwaqt li talab is-sospensjoni tal-prolazjoni tas-sentenza, rega esibixxa dawn it-tliet dokumenti b’nota prezentata fis-27 ta’ Awissu 1997; illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Novembru 1998 ordnat id-divizjoni tal-proprietà komuni bejn iz-zewg kontendenti skond il-pjanta maghmula mill-Periti nominati minnha u thalliet barra l-imsemmija parti indiviza; illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza fis-17 ta’ Dicembru 1998; illi fil-kors tal-proceduri quddiem din l-Qorti r-rikorrent skopra illi l-attur

fil-mori tal-gudizzju quddiem l-ewwel Qorti ttrasferixxa parti mill-proprietà in divizjoni lil bintu Tanya Falletta u in sostenn ta' dan ir-rikorrent esibixxa kopja tal-kuntratt ta' dan it-trasferiment pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fit-23 ta' Marzu 1995; illi l-attur meta gie notifikat b'dan ir-rikors irreplika billi pprezenta rikors tal-imsemmija Tanya Falletta li talbet li tassumi l-atti tal-kawza flimkien ma' missierha l-attur u dan ghal-tenur tal-Artiklu 810A tal-Kap 12; illi l-Qorti b'digriet tas-6 ta' Frar 2001 laqghet it-talba minghajr biss ma ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lir-rikorrent biex jesprimi l-opinjoni tieghu; illi konsegwentement din Tanya Falletta saret konvenuta (sic!!) mal-attur missierha skond l-imsemmi digriet u kif jirrifletti ukoll l-okkju tal-kawza; illi dawn huma l-fatti li certament ma jistghux jigu kontestati; illi kif inghad fuq ir-ritraenti qieghed jibbaza din ir-ritrattazjoni fuq it-tliet Artikoli tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili cioè l-Artiklu 811(e), l-Artiklu 811(i) u l-Artiklu 811(l); illi l-Artiklu 811(e) jiddisponi hekk: "*A new trial of a cause decided by a judgement given in second instance may be demanded by any of the parties concerned, such judgement being first set aside in the following cases: where the judgement contains a wrong application of the law; For the purposes of this paragraph there shall be deemed to be a wrong application of the law only where the decision assuming the fact to be as established in the judgement which it is sought to set aside, is not in accordance with the law, provided the issue was not in reference to an interpretation of the law expressly dealt with in the judgement*"; illi r-rikorrent jissottometti bir-rispett fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan is-sub artiklu illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kisret mhux darba izda izjed minn darba dan is-sub artiklu billi applikat hazin diversi artikoli tal-ligi u cioè: (A) illi jirrizulta b'mod car illi din il-Qorti skorrettement akkordat lil konvenuta Tanya Falletta li tassumi l-atti tal-kawza bl-applikazzjoni tal-Artiklu 810A tal-Kap 12; illi huwa rilevanti illi wiehed jipproduci *verbatim* dan l-Artiklu li jixhet dawl fuq dak li qieghed jigi hawn sottomess in sostenn tal-argumenti tar-rikorrent; illi skond dan l-Artiklu: "*In the case of any other <u>change of parties to the suit</u> other than by the death 'pendente lite' of any party to the suit, the person who*

*wishes to take up the case shall file an application requesting authorisation to assume the acts of the case in addition to or instead of the party concerned, and any judgement shall also bind such party assuming the acts*" (Kliem sottolineat mir-rikorrent); illi l-kliem importanti f'dan l-Artiklu huma "*change of parties to the suit*"; illi jirrizulta illi fl-ebda stadju ma kien hemm kambjament tal-partijiet in kawza billi sal-ahhar baqghu l-istess attur Paolo Borg u l-konvenut Salvu Spiteri; illi huwa ovvju illi din Tanya Falletta kienet terz meta ghamlet ir-rikors taghha biex tassumi l-atti tal-kawza; illi l-posizzjoni legali ta' din Tanya Falletta kellha tkun dik ta' kjamat fil-kawza regolata mill-Artikoli 961 u 962 tal-Kap 12; illi minn ezami akkurat ta' dawn iz-zewg Artikoli jirrizulta illi (i) din it-terz tista tigi kjamata fil-kawza "*in a court of first instance*" u mhux fl-appell; (ii) illi *una volta* tigi hekk ammessa hija tinghata d-dritt illi bhal kwalunkwe konvenut iehor tipprezenta eccezzjonijiet u tipprevalixxi ruha minn kull dritt mghoti lill kull konvenut; (iii) illi minn dan xejn ma sar u din il-konvenuta dahlet fil-kawza, bl-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti, *ad insaputa* tar-rikorrent, minghajr biss ma fethet halqa jew dehret fil-proceduri fl-istadju tal-appell; (iv) illi din il-konvenuta akkwistat parti mill-proprietà in divizjoni fit-23 ta' Marzu 1995 fil-pendenza tal-proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili qabel ma inghatat is-sentenza minn dik il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1998 cioè tliet snin qabel; (v) illi din is-sentenza ordnat id-divizjoni tal-proprietà li kienet akkwistat din Tanya Falletta li wara kif inghad dahlet fil-proceduri ta' din il-Qorti bhala parti meta l-ewwel sentenza ma inghatatx fil-konfront taghha ghalkemm kienet saret proprijetarja ta' parti indiviza u dan meta kienet obbligata li tiehu l-passi mehtiega biex issir parti fil-proceduri fl-ewwel istanza u mhux fl-istadju tal-Appell meta kienet saret ko-proprietarja qabel; (vi) illi kien hawn fl-umili opinjoni tar-rikorrent ippekkat serjament din il-Qorti li konxja tal-fatt li l-akkwist sar quddiem l-ewwel Qorti xorta wahda dahhlet lil din Tanya Falletta bhala konvenuta fil-kawza fil-proceduri pendenti quddiemha; illi dan juri illi bid-digriet tas-6 ta' Frar 2001 din il-Qorti giet li applikat hazin il-ligi billi din Tanya Falletta saret parti skond l-Art. 810A kif mitlub mill-attur u mhux bhala kjamata fil-kawza ghal bazi tal-Artiklu 961 u 962 tal-Kap

12 li kellhom japplikaw ghal kaz u dan ghalhekk bi ksur tal-imsemmi sub-artiklu 811(e) tal-Kap 12; illi skond l-Artiklu 811(i) sentenza ta' din il-Qorti tista ukoll tigi mhassra '*when the judgement contains contradictory dispositions*"; illi din il-Qorti bdiet biex argumentat korrettement illi "il-kuntratti li jissemmew fic-citazzjoni u li hemm esibiti ma' l-Att relativ huma s'intendi dejjem relevantissimi ghax jiffurmaw il-bazi tal-azzjoni u aktar il-quddiem gie argumentat illi l-intenzjoni tal-partijiet kien li jiddividu bejniethom dak li hemm deskritt hemmhekk u mhux l-art kollha li wara kollox digà in parti kienet diviza"; illi dan huwa skorrett u kontradittorju ghal diversi ragunijiet: (A) id-divizjoni kellha ssir tal-proprietà komuni deskritta fl-iskrittura cioè tal-proprijetà kollha hemm deskritta u mhux parti minnha; (B) illi fir-rapport peritali thalliet barra parti minn dik il-proprijetà komuni <u>in divizjoni</u> u mhux kif qalet din il-Qorti tal-art kollha; fil-fatt ghalkemm il-proprietajiet indikati fl-iskrittura jiffurmaw parti minn proprijetà komuni akbar huwa fatt illi l-proprijetà li thalliet barra mid-divizjoni hija parti mill-proprijietà in divizjoni u mhux minn dik il-parti tal-proprijetà komuni li ma tiffurmax il-meritu tal-kawza; (C) illi meta saret id-divizjoni kif sancita mill-ewwel Qorti gie illi dik il-proprijetà li akkwistat Tanya Falletta giet assenjata lill-kontendenti missierha u l-konvenut Salvu Spiteri; fi ftit kliem dahlet in divizjoni skond l-imsemmija sentenzi dik il-parti mill-proprijetà li kienet legalment inharget barra qabel is-sentenzi u dan bi htija assoluta kemm tal-attur Paolo Borg u binthu li naqsu li jgibu dan ghak konjizzjoni taz-zewg qrati, qabel is-sentenzi imsemmija; (D) illi din il-Qorti filwaqt li akkordat lil Tanya Falletta li tassumi l-atti fl-istess hin halliet id-divizjoni ordnata mill-ewwel Qorti kif kienet cioè divizjoni bejn l-attur Paolo Borg u Salvu Spiteri - kontradizjoni lampanti u insostenibili; (E) illi hija certament kontradizjoni illi filwaqt li l-ewwel Qorti ordnat id-divizjoni tal-proprijetà komuni bejn l-attur Paolo Borg u Salvu Spiteri, din il-Qorti dahhlet tardivament u llegalment lill Tanya Falletta bhala konvenuta u parti fil-kawza u fl-istess hin ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li ordnat kif inghad divizjoni bejn iz-zewg kontendenti Paolo Borg u Salvu Spiteri biss u halliet barra mid-divizjoni lill Tanya Falletta li qabel kienet akkordatilha li tkun wahda mill-

kondividenti; (F) illi dan igib ukoll konfuzjoni fattwali u legali bejn il-partijiet billi proprijetà indiviza in divizjoni bhal dik akkwistata minn Tanya Falletta ma setatx tithalla barra mil qasma kif issuccieda bis-sentenza ta' din il-Qorti meta din l-istess Qorti kienet dahhlitha bhala parti fil-kawza; illi fl-ahharnett skond l-Artiklu 811(l) tal-Kap 12 sentenza ta' din il-Qorti tista tigi ukoll imhassra: "*where the judgement was the effect of an error resulting from the proceedings or documents in the cause. For the purposes of this paragraph there shall be deemed to be such error only where the decision is based on the supposition of some fact the truth whereof is incontestably excluded, or on the supposition of the non existence of some fact the truth whereof is positively established, provided that in either case the fact was not a disputed issue determined by the Court*"; illi kif gie pruvat din il-Qorti kienet skorretta meta filwaqt li mill-atti processwali rrizulta t-trasferiment ta' Tanya Falletta wara li dahhlitha fil-kawza eskludietha mid-divizjoni tal-proprijetà komuni billi kkonfermat id-divizjoni bejn zewg kontendenti biss cioè Paolo Borg u Salvu Spiteri skond is-sentenza tal-ewwel Qorti; illi dan huwa zball fundamentali li certament wahdu jikkonduci ghat-thassir tas-sentenza tal-appell in diskussjoni; talab illi dina l-Qorti joghgobha thassar is-sentenza taghha tat-30 ta' Ottubru 2001 u tordna it-trattazzjoni tal-Appell mill-gdid, biex fid-decizjoni li tinghata tilqa l-appell maghmul mir-rikorrent; bl-ispejjes;

Rat ir-risposta tar-ritrattazzjoni ta' Paolo Borg u Tanya Falletta illi permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha esposti, issottomettew illi t-talba tar-ritrattand ghar-revokazzjoni (*sic*) tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2001 ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra r-ritrattand;

Trattat ir-rikors;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari tar-rikors ta' ritrattazzjoni jirrizulta illi t-tezi tar-ritrattand hija mibnija prattikament kollha kemm hi madwar

id-digriet ta' dina l-Qorti, diversament komposta, tas-sitta (6) ta' Frar, 2001 illi permezz tieghu giet akkordata "bla pregudizzju" talba ta' Tanya Falletta, maghmula permezz ta' rikors intavolat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2001;

Fir-rikors in ezami r-ritrattand, qabel ma jsemmi r-ragunijiet ghaliex huwa jsostni illi, "a bazi tal-Artrikolu 811(e) 811(i) u 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta" hemm lok ghat-thassir tas-sentenza attakkata u ghar-ritrattazzjoni tal-kawza relativa, b'riferenza ghall-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar, 2001 jghid hekk:
"Konsegwentement din Tanya Falletta saret konvenuta (sic!!) mal-attur missierha skond l-imsemmi digriet u kif jirrifletti ukoll l-okkju tal-kawza" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Iz-zewg asserzjonijiet tar-ritrattand appena sottolineati minn dina l-Qorti huma kompletament zbaljati. Infatti, huwa inkoncepibbli kif ir-ritrattand qed isostni illi permezz ta' l-imsemmi digriet Tanya Falletta "saret konvenuta" meta l-istess digriet jaqra biss hekk: "Akkordat bla pregudizzju" b'riferenza ghall-imsemmi rikors ta' Tanya Falletta tad-29 ta' Jannar, 2001. Dak illi jinghad f'dan ir-rikors huwa hawn riprodott:
"Illi l-esponenti akkwistat minghand missierha l-attur f'din il-kawza b'kuntratt ta' donazzjoni tat-23 ta' Marzu 1995 parti mill-proprjetà meritu tal-istanza *de quo*;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett sabiex *ai termini* tal-Artikolu 810A Kapitolu 12 li tigi konsentita tassumi l-atti flimkien ma' missierha l-attur fil-kawza fl-ismijiet premessi" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghalhekk, permezz ta' l-imsemmi digriet gie akkordat lil Tanya Falletta illi tassumi l-atti tal-kawza bhala attrici u mhux bhala konvenuta. Ma hemm ebda dubbju illi dan huwa konsentit mill-artikolu 810A tal-Kap. 12;

L-asserzjoni l-ohra tar-ritrattand illi l-*occhio* tal-kawza "jirrifletti" illi permezz ta' l-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar, 2001 Tanya Falletta "saret konvenuta" hija wkoll zbaljata.

Infatti, fl-atti processwali ta' wara l-imsemmi digriet sas-sentenza attakkata u illi jipprecedu r-rikors ta' ritrattazzjoni, l-*occhio* tal-kawza jidher shih biss fir-rikors ta' appell (kif mizjud) u fis-sentenza attakkata, u, f'dawn iz-zewg (2) atti, Tanya Falletta tiffigura bhala attrici u mhux bhala konvenuta. Huwa fir-rikors ta' ritrattazzjoni illi Tanya Falletta ghall-ewwel darba tiffigura - erroneament - bhala konvenuta! Huwa superfluwu illi jinghad illi zball fir-rikors ta' ritrattazzjoni ma jincidix fuq il-validità tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigu konsidrati, wahda wahda, r-ragunijiet avanzati mir-ritrattand ghaliex is-sentenza ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Ottubru, 2001 ghandha tigi mhassra u, konsegwentement, il-kawza relativa tigi ritrattata, tajjeb jigi riprodott dak illi b'mod tant lucidu u awtorevoli qalet dwar l-istitut tar-ritrattazzjoni dina l-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha ta' l-ghoxrin (20) ta' Frar, 1996 fil-kawza fl-ismijiet *Dott. Austin Bencini noe. vs. Dott. Remigio Zammit Pace noe.* (Vol. LXXX, P. II, p. 391) illi ghaliha jaghmlu riferenza r-ritrattati fir-risposta taghhom ghar-rikors in ezami:
"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verità jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima *res judicata pro veritate habetur*. F'dan il-kuntest, tista' ssir riferenza ghas-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-137 fejn tant tajjeb gie sottolineat li r-rimedju tar-ritrattazzjoni:

'*Non si dà per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassativamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabbilità del giudicato che sola può mettere fine alle liti, poichè l'autorità della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*';

Minn dak li ntqal sa issa titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Kollez. Vol. XXVII-I-818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jiftah il-kawza u b'hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza (Kollez. Vol. XLII-I-227), haga li mhix permessa mill-ligi."

Ikkunsidrat:

Illi, dan premess, dina l-Qorti sejra issa tikkonsidra t-talba tar-ritrattand bazata fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 illi jiddisponi hekk:
"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:
…
(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;
ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;"

Skond l-artikolu 816 tal-Kap. 12, meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tkun ibbazata fuq il-motiv ta' applikazzjoni hazina tal-ligi (bhal ma huwa l-kaz illi qed jigi konsidrat issa):
"… l-attur [ir-ritrattand] ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."

Sabiex isostni l-pretensjoni tieghu illi hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 ir-ritrattand, fir-rikors tieghu, jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet, riprodotti fi kliem ir-rikors:
(i) "Illi jirrizulta b'mod car illi l-Qorti tal-Appell skorrettement akkordat lill konvenuta Tanya Falletta li tassumi l-atti tal-kawza bl-applikazzjoni tal-artikolu 810A tal-Kap 12";

(ii) “Illi l-posizzjoni legali ta’ din Tanya Falletta kellha tkun dik ta’ kjamat fil-kawza regolata mill-artikoli 961 u 962 tal-Kap 12”;

Sabiex juri kif l-artikolu 810A tal-Kap. 12 ma kienx applikabbli ghall-kaz, fir-rikors tieghu ir-ritrattand, wara illi ccita l-verzjoni fil-lingwa ngliza ta’ dan l-artikolu, jissottometti hekk:
“Illi l-kliem importanti f’dan l-Artiklu huma ‘*change of parties to the suit*’.

Illi jirrizulta illi fl-ebda stadju ma kien hemm kambjament tal-partijiet in kawza billi sal-ahhar baqghu l-istess attur Paolo Borg u l-konvenut Salvu Spiteri.

Illi huwa ovvju illi din Tanya Falletta kienet terz meta ghamlet ir-rikors taghha biex tassumi l-atti tal-kawza”;

Dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-ritrattand illi fil-kaz in ezami ma kienx hemm “bdil … tal-partijiet f’kawza” (*change of parties to the suit*) ghaliex il-partijiet baqghu l-attur u l-konvenut originali. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-dicitura ta’ l-imsemmi artikolu 810A fis-sens illi “… min ikun jixtieq jidhol fil-kawza ghandu jipprezenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawza <u>flimkien ma’ jew</u> minflok dik il-parti li hekk ghandha x’taqsam …” (sottolinear ta’ dina l-Qorti), timporta illi fil-mori ta’ proceduri gudizzjarji persuna illi ma tkunx parti f’dawn il-proceduri - u illi, allura, sa dak il-hin tkun ghadha terza persuna *vis-à-vis* l-istess proceduri - tista’ titlob illi tigi awtorizzata mill-Qorti sabiex tissostitwixxi <u>jew tinghaqad ma</u>’ wahda mill-partijiet bhala attrici jew konvenuta skond il-kaz. Jekk it-talba ta’ tali persuna tigi akkordata hija ma tibqax “terz”. Fil-kaz odjern, Tanya Falletta invokat l-imsemmi artikolu 810A tal-Kap 12, in vista ta’ dak illi hija kkuntrattat ma’ l-attur permezz ta’ l-att pubbliku tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Marzu, 1995 (fol. 154), talbet illi tigi awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza <u>flimkien ma’ l-attur</u> u, konsegwentement, <u>bhala attrici</u>, u t-talba taghha giet milqugha. Dina l-Qorti hija tal-fehma illi, fic-cirkostanzi imsemmija, l-artikolu 810A tal-Kap. 12 kien

applikabbli ghall-kaz. Dan stabbilit, mhux kompitu ta' dina l-Qorti illi tindaga jekk permezz ta' l-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar, 2001 l-artikolu 810A tal-Kap. 12 giex interpretat u applikat korrettement jew le, ghaliex, kif jinghad tajjeb hafna minn dina l-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet *Reginald Micallef et noe. vs. Godwin Abela et noe.*:
"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin" (sottolinear ta' din il-Qorti kif komposta);

Dina l-Qorti anqas ma taqbel mas-sottomissjoni tar-ritrattand illi l-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami kienet l-istitut tal-kjamat fil-kawza kontemplat mill-artikoli 961 u 962 tal-Kap. 12. Dana ghaliex, *ai termini* ta' dawn l-artikoli tal-ligi, Tanya Falletta ma setghet qatt titlob hija stess illi tigi kjamata fil-kawza. Il-Qorti trid taghmilha cara illi hija konxja mill-fatt illi, fic-cirkostanzi msemmija, mhux eskluz illi kemm l-attur u kemm il-konvenut setghu kellhom id-dritt illi jitolbu illi Tanya Falletta tigi kjamata fil-kawza. Però, dan ma jimportax illi meta dina l-Qorti emanat l-imsemmi digriet tas-6 ta' Frar, 2001 ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi, la darba, kif ghadu kemm inghad, l-artikolu 810A tal-Kap. 12 kien applikabbli ghall-kaz;

Finalment, tajjeb illi jigi rilevat illi filwaqt illi, kif già inghad, l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jipprovdi illi jkun hemm lok

ghar-ritrattazzjoni "jekk is-sentenza moghtija fi grad ta' appell … tkun applikat il-ligi hazin" (sottolinear ta' dina l-Qorti), fir-rikors ta' ritrattazzjoni, fl-ahhar paragrafu illi jittratta dwar l-imsemmi artikolu 811(e) tal-Kap. 12, gie sottomess hekk:
"Illi … bid-digriet tas-6 ta' Frar 2001 [u mhux fis-sentenza attakkata] il-Qorti tal-Appell giet li applikat hazin il-ligi billi din Tanya Falletta saret parti skond l-Art. 810A kif mitlub mill-attur u mhux bhala kjamata fil-kawza ghal bazi tal-Artiklu 961 u 962 tal-Kap 12 li kellhom japplikaw ghal kaz u dan ghalhekk bi ksur tal-imsemmi sub-artiklu 811(e) tal-Kap 12" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghall-precizjoni, tajjeb illi jinghad ukoll illi, kuntrarjament ghal dak illi jinghad fis-silta appena citata mir-rikors ta' appell, it-talba sabiex Tanya Falletta issir parti fil-kawza saret mill-istess Tanya Falletta permezz tar-rikors hawn fuq imsemmi tad-29 ta' Jannar, 2001, u mhux mill-attur;

Ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, it-talba tar-ritrattand, kwantu bazata fuq il-provvediment ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12, ma tistax tintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi, *ai termini* ta' l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, hemm lok ghat-thassir ta' sentenza moghtija fi grad ta' appell "jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin";

Dwar kif ghandu jigi nterpretat l-imsemmi artikolu 811(i) tal-Kap. 12, ir-ritrattati, fir-risposta taghhom ghar-rikors ta' ritrattazzjoni, ghamlu riferenza ghas-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament komposta, ta' l-erbatax (14) ta' Novembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Rita Hicklin et vs Loreto Agius*. F'din is-sentenza gie affermat hekk:
"… Is-subinciz (i) ta' l-artikolu 811 [tal-Kap. 12] jipprovdi ghal smiegh mill-gdid jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Gie ritenut fil-gurisprudenza illi dawn il-kontradizzjonijiet iridu jirrizultaw fil-parti dispositiva tas-sentenza impunjata u mhux fil-motivazzjoni taghha. … Il-parti dispositiva tas-sentenza

- tajjeb jew hazin - kienet wahda cara u univoka. Is-sentenza tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata";

Illi sentenza ohra ta' dina l-Qorti, illi ghaliha ghamlu riferenza wkoll ir-ritrattati fl-imsemmija risposta taghhom, hija dik tat-tlieta (3) ta' April, 1922 fil-kawza fl-ismijiet *Giuseppe Luigi Bonnici vs Dottor Carlo Galea Naudi* (Vol. XXV-I-137). F'din is-sentenza, dwar dak illi illum huwa l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, jinghad hekk:
"*… la contradizione di cui all'inciso nono di detto articolo 828 delle citate leggi di procedura non si deve ritrovare fra le dichiarazioni emesse nella sentenza e il fatto risultante dal processo, ma fra le diverse dichiarazioni contenute nella sentenza stessa;*

*Inoltre giusta il Mattirolo 'Diritto Giudiziario Civile Italiano' Volume IV numeri 1029 e 1060, la contradizione non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza, poichè 'la decisione del Giudice sta nel dispositivo della sentenza non nei motivi che costituiscono soltanto la parte razionale, la spiegazione del dispositivo': la contradizione invece, che può fornire motivo di ritrattazione deve ritrovarsi nel dispositivo, poichè quando vi è siffatta contradizione manca la base della sentenza stessa, la certezza del giudicato, la quale è esclusa e distrutta dalla contadizione delle varie disposizioni della sentenza, o meglio, dalle contradizioni nel dispositivo*. *Ciò non è il caso in esame, poichè come si è già rilevato. l'impugnata sentenza non contiene contradizione di sorta, nè nel dispositivo, nè nei motivi, nè nei rapporti dei motivi col dispositivo*."

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, illi Dina l-Qorti tikkondividi dan l-insenjament, u, fid-dawl tieghu, ezaminat is-sentenza attakkata u ma sabet ebda kontradizjoni, la fid-dispositiv taghha illi jaqra hekk:
"Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.

Din il-Qorti qeghda wkoll tikkonferma n-nomina tan-Nutar Dr. Joseph Darmanin biex jippublika l-att opportun imsemmi f'dik is-sentenza, kif ukoll lill-avukat Dr. Veronica

Aquilina bhala kuratrici biex tirraprezenta l-eventwali kontumacja tal-konvenut.”;

la fil-motivi u lanqas fir-relazzjoni tal-motivi mad-dispositiv. F’dan ir-rigward, ghandu jigi rilevat illi dak illi jinghad fil-paragrafi indikati bl-ittri (A) u (B) fil-pagini tlettax (13) u erbatax (14) tar-rikors ta’ ritrattazzjoni ma jistax jigi konsidrat, kif qed jippretendi ir-ritrattand, bhala “skorrett u kontraditorju” ghall-finijiet ta’ l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12. Dana peress illi l-ilmenti elenkati taht l-ittri (A) u (B) huma identici ghal aggravji illi ressaq ir-ritrattand - dak iz-zmien appellant - kontra s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, aggravji illi gew respinti minn dina l-Qorti fis-sentenza attakkata. Kien precizament minhabba illi rrespingiet dawn l-aggravji illi dina l-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. Altru milli kontradizzjoni fid-dispositiv jew kontradizjoni bejn il-motivi u d-dispositiv!

Anqas dak illi jinghad fil-paragrafi indikati bl-ittri minn (C) sa (F) f’pagini erbatax (14) u hmistax (15) tar-rikors ta’ ritrattazzjoni ma jista jigi konsidrat, ghall-fini ta’ l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, bhala “skorrett u kontradittorju”. Infatti, l-ilmenti tar-ritrattand fl-imsemmija paragrafi (C) sa (F) jirrivolvu kollha fuq pretenzjoni wahda: ghalkemm Tanya Falletta assumiet l-atti tal-kawza, fis-sentenza impunjata ma giex mehud in konsiderazzjoni l-effett fuq id-divizjoni in kwistjoni ta’ l-akkwist mill-imsemmija Tanya Falletta ta’ parti mill-proprjetà in divizjoni. Kieku din il-pretenzjoni hija fondata, ma jistax jinghad illi b’rizultat taghha s-sentenza appellata tikkontjeni xi kontradizjoni fid-dispositiv taghha jew bejn il-motivi u d-dispositiv taghha. Jekk l-ilment tar-ritrattand huwa gustifikat, mhux eskluz illi r-ritrattand kellu jew ghandu disponibbli ghalih xi rimedju skond il-ligi, però dan ir-rimedju zgur illi mhux dak kontemplat mill-artikolu 811(i) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant, it-talba tar-ritrattand, anqas kwantu bazata fuq dak illi jipprovdi l-artikolu 811(i) tal-Kap. 12, ma tista’ tintlaqa’;

Ikkunsidrat:

Illi huwa utili illi tigi riprodotta fl-intier taghha dik il-parti tar-rikors ta’ ritrattazzjoni illi tirrigwarda l-invokazzjoni ta’ l-artikolu 811(l) tal-Kap.12. Din il-parti taqra hekk:
“Illi fl-ahharnett skond l-Artikolu 811(l) tal-Kap 12 sentenza tal-Qorti tal-Appell tista tigi ukoll imhassra ‘*where the judgement was the effect of an error resulting from the proceedings or documents in the cause’.*

‘*For the purposes of this paragraph there shall be deemed to be such error only where the decision is based on the supposition of some fact the truth whereof is incontestably excluded, or on the supposition of the non existance of some fact the truth whereof is positively established, provided that in either case the fact was not a disputed issue determined by the Court*.’

Illi kif gie pruvat il-Qorti tal-Appell kienet skorretta meta filwaqt li mill-atti processwali rrizulta t-trasferiment ta’ Tanya Felletta [*recte*: Falletta] wara li dahlietha fil-kawza eskludietha mid-divizjoni tal-proprijetà komuni billi kkonfermat id-divizjoni bejn zewg kontendenti biss cioè Paolo Borg u Salvu Spiteri skond is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Dan huwa zball fundamentali li certament wahdu jikkonduci ghat-thassir tas-sentenza tal-appell in diskussjoni.”

Dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-ritrattand illi s-sentenza impunjata lil Tanya Falletta “eskludietha mid-divizjoni tal-proprjetà komuni” ghaliex, la darba l-imsemmija Tanya Falletta saret parti fil-kawza bhala attrici flimkien ma’ l-attur originali *ai termini* ta’ l-artikolu 810A tal-Kap. 12, hija ghandha l-istess interess fil-kawza ta’ l-attur originali, u, konsegwentement, meta fis-sentenza impunjata giet konfermata s-sentenza appellata, illi ordnat id-divizjoni tal-proprjetà komuni bejn il-kontendenti, dak illi jinghad fis-sentenza appellata u illi jirrigwarda lill-attur necessarjament jirrigwarda ukoll lill-attrici. Ghalhekk, ma jistax jinghad illi Tanya Falletta giet eskluza mid-divizjoni tal-proprjetà imsemmija u, konsegwentement, ma jistax jinghad illi s-sentenza impunjata hija “l-effett ta’ zball li

jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza". Tajjeb illi jigi rilevat, f'dan ir-rigward, illi dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti kollha processwali, hija konvinta illi l-proprjetà illi Tanya Falletta akkwistat permezz ta' l-imsemmi kuntratt tat-23 ta' Marzu, 1995 hija parti minn dik il-proprjetà illi skond is-sentenza appellata ghandha tigi assenjata lill-attur;

Ghalhekk, it-talba tar-ritrattand, anqas kwantu bazata fuq dak illi jipprovdi l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, ma tista' tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad it-talbiet tar-ritrattand, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------